MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 633/2005

**Avviz Numru 633/05 AJD**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**William Bugeja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' mitejn u seba' Liri Maltin u erbatax –il centezmu (Lm207.14) bhala premia fuq policies 126/HDO/0554 u 223/HDO/0191 mahrugin mill-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u seba’ Liri Maltin u erbatax –il centezmu (Lm207.14), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------